# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 17 ta' Jannar tas-sena 2002.**

**Numru 7**

**Avviz numru 1059/99/SM**

**Emanuel Borg**

**vs**

**Tiziana Borg u Noel Scicluna**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat it-8 ta' Lulju ta' l-1999 li permezz tieghu l-attur sejjah lill-konvenuti quddiem din il-qorti sabiex jghidu ghaliex m'ghandhomx ikunu kkundannati:**

**1. Jersqu ghall-likwidazzjoni u hlas ta' danni minnhom – jew minn minnhom – ikkagunati u subiti mill-attur in segwitu ghal incident awtomobilistiku li gara l-Gzira fis-7 ta' Frar, 1999 meta waqt li Tiziana Borg kienet qed issuq il-vettur Nru TWT 105 habtet mal-vettura Nru JAD 537 misjuqa minn Noel Scicluna u**

**bhala konsegwenza saret habta ma' vettura ta' terz li kienet wieqfa, li mbaghad ikkagunat hsara fil-bus Nru. FBY 641 proprjeta' ta' attur li kienet wieqfa wkoll, prevja dikjarazzjoni li ghal dan l-incident huma kienu responsabbli – jew min minnhom – minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti;**

2. **Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra interpellatorja tad-9 ta' Gunju, 1999, u dawk tal-ittra ufficjali presentata kontestwalment ma' dan l-att ghan-notifika taz-zewg assikurazzjonijiet tal-konvenuti bl-odjerni proceduri a tenur tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta, oltre l-imghax legali, kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni;**

3. **Ghal fini ta' kompetenza jigi dikjarat illi d-danni tal-attur jeccedu l-hames mitt lira (LM500.00,0) ghalkemm mhux l-elf lira (LM1000.00,0);**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Noel Scicluna datata d-19 ta' Lulju ta' l-1999 li permezz taghha eccepixxa s-segwenti:**

1. **Illi l-incident tat-traffiku in kwistjoni ma garax tort u htija tieghu partikolarment billi meta huwa habat mal-vettura numru JAL 937 proprjeta' ta' Marion Cassar, il-vettura tal-attur u cioe' l-vettura numru FBY 461, kienet gia milquta mill-vettura numru JAL 937 misjuqa minn Marion Cassar;**

2. **Illi meta huwa habat mal-vettura numru JAL 937 din kienet habta zghira hafna u bla konsegwenzi.  Kienet il-habta li grat bejn il-vettura ta' Marion Cassar u dik tal-attur li kienet habta kbira tant li l-vettura ta' Marion Cassar in segwitu tal-incident giet dikjarata bhala beyond economical repair;**

3. **Illi in segwitu tal-habta li l-eccipjenti kellu mal-vettura ta' Marion Cassar, l-eccipjenti gie**

**milqut fuq wara u imbutta l-quddiem mill-vettura numru TWT 105 misjuqa minn Tiziana Borg;**

**4. Illi stante li dan l-incident ma garax tort tieghu, l-ebda ammont ma huwa dovut lill-attur in linea ta' danni, u ghalhekk it-talbiet tieghu ghandhom jigu respinti bl-ispejjez;**

**5. Salve eccezzjonijiet ohra;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta Tiziana Borg datata t-30 ta' Lulju ta' l-1999 li permezz taghha eccepiet is-segwenti:**

**1. Illi t-talbiet attrici, in kwantu diretti lejn l-eccipjenti, huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante illi ma kien bl-ebda mod responsabbli ghall-incident u wisq anqas kien kagun ta' xi hsara allegatament kagunata lill-attur u dana billi meta l-eccipjenti habtet mal-vettura tal-konvenut l-iehor, l-istess konvenut ga kien habat ma' vettura ta' terz li da parti taghha habtet mal-vettura tal-attur, u mhux kif erroneament indikat mill-attur fil-premessi tal-avviz;**

**2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Ezaminat id-dokumenti esebiti;**

**Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

**1. Illi l-incident awtomobilistiku in dizamina sehh ghall-habta tat-8.00 p.m. tas-7 ta' Frar ta' l-1999 f'Regional Road, il-Gzira, hdejn il-pompa tal-**

**petrol meta tohrog minn hdejn l-Isptar Zammit Clapp fid-direzzjoni tal-Belt;**

2. **Illi l-vetturi involuti fl-incident mertu ta' din il-procedura kienu s-segwenti:**

    a. **Xarabank tal-linja bin-numru FBY-641 misjuq mill-attur Emanuel Borg;**

    b. **Vettura tal-marka Polo bin-numru TWT-105 misjuqa mill-konvenuta Tiziana Borg;**

    c. **Cortina bin-numru JAD-537 misjuqa mill-konvenut Noel Scicluna;**

3. **Illi d-dinamika ta' l-incident tirrizulta li kienet wahda multipli fejn l-ewwel ix-xarabank fuq indikat kien involut f'incident ma vettura ohra liema incident hu estraneu ghall-vertenza odjerna;**

4. **Illi meta giet fl-istampa l-konvenuta Tiziana Borg u rat l-incident de quo, mis-"central strip" fejn kienet qed isuq dawwret il-karozza n-naha l-ohra, skiddjat u baqghet diehla fuq il-vettura tal-marka Cortina bin-numru JAD-537 li kienet gia' precedentement habtet ma' vettura ohra quddiemha;**

5. **Illi l-imsemmija Cortina kienet precedentement dahlet fil-Mini Minor li kienet ghalhekk regghet iddahhlet fix-xarabank ta' l-attur;**

6. **Illi l-hsarat sofferti mill-konvenuta Borg jammontaw ghall-erba' mija u hamsin Lira Maltin, (LM450.00,0);**

7. **Illi l-hsarat sofferti mill-konvenut Scicluna ammontaw komplessivament ghall-sitt mija u hamsin Lira Maltin, (LM650.00,0);**

8. **Illi d-danni sofferti mill-attur Borg fl-incidenti hawn ezaminati jammontaw ghall-disa' mitt Lira Maltin u erba' u sittin centezmu, (LM900.64,0);**

**Ikkonsidrat:**

**Illi in vista tas-suespost jirrizulta abbundantement assodat li l-hsara ikkagunata lill-attur Emanuel Borg u minnhu reklamata f'din il-procedura hi dik naxxenti b'rizultat tal-kollizjoni kkagunata unikament mill-konvenut Noel Scicluna u din il-procedura hi limitata proprju minn dan l-istat ta' fatt;**

**Illi ghaldaqstant din il-Qorti hi sodisfatta bil-fatti kif fuq sintetikament esposti u konsegwentement:**

1. **Tiddikjara lill-konvenut Noel Scicluna unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku in dizamina;**

2. **Tillikwida d-danni sofferti mill-attur Emanuel Borg kagun ta' dan l-istess incident fl-ammont ta' disa' mitt Lira Maltin u erba' u sittin centezmu, (LM900.64,0);**

3. **Tikkundanna lill-konvenut Noel Scicluna biex ihallas l-ammont hekk likwidat ta' disa' mitt Lira Maltin u erba' u sittin centezmu, (LM900.64,0), lill-attur Emanuel Borg, bl-ispejjez u l-imghaxijiet mid-data ta' l-ittra ufficjali.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**